MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 246/2014

Appell Nru: 246/2014

Il-Pulizja

Spettur Ramon Mercieca

Vs

Chantelle Camilleri

Illum 26 ta' Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Chantelle Camilleri, detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 284988M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-21 ta' Lulju, 2013 ghal-habta tal-15:30hrs fl-inhawi tal-bajja tal-Ghadira limiti tal-Mellieha, ma kelliex fuq bastiment zghir that dawn ir-regolamenti numru u marki distinit moghtija lilu u murija car hafna fuq il-bastiment zghir b'dak il-mod li l-Awtorita' tordna skond il-klassi lililha jkun jappartjeni l-bastiment zghir. In-numru u l-marka distinit jkunu l-istess bhal dawk murija fic-certifikat ta' registrazzjoni, jew jekk il-bastiment zghir ma jkollu l-ebda marka ta' registrazzjoni u dan bi ksur ta' Reg. 22 u Reg. 45 it-Tielet Skeda SL 499.52.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Gunju, 2014, fejn il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 22 u 45 tat-Tielet Skeda SL 499.52 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-iputata hatja u kkundannata multa ta' tlett mitt ewro.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Chantelle Camilleri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Gunju, 2014, fejn talbet lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u kwindi tilliberaha minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Chantelle Camilleri huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel aggravju huwa dwar il-fatt illi waqt is-smiegh tal-kawza quddim l-ewwel Onroabbli Qorti, irrizulta b'mod car ghall-ahhar illi l-appellanti mhix sid id-dinghy in kwistjhoni u lanqas tad-daghjasa principali; hija biss it-tfajla ta' sid id-dghajsa u d-dinghy.

Illi quddiem l-Ewwel Onroabbli Qorti, l-appellanti xehdet minn jeddha dwar dan il-fatt u din l-evidenza kien ikkorroboratha minn Jason Debattista, jigifieri sid id-dinghy u d-dghajsa stesss.

Illi meta l-Ufficjal tal-Pulizija PS305 A. Gauci gie kotnroezaminat, huwa ikkonferam illi d-dghajsa Pennyless kienet fil-vicinanzi, illi l-ebda Pulizija ma resaq lejn l-istess

dghajsa sabiex jivverifika min kien sidha, u lanqas ipprova jikkomunika bl-ebda mod ma sid id-daghjsa.

Illi r-Regolament 22 tal-Avviz Legali 183 tal-2008 jghid car u tonda illi hija l-'Persuna registrata bhala sid tal-bastiment zghir' li 'ghandha tizgura li fi zmien tletin jum mid-data li fiha tkun bdiet issehh ir-registrazszjoni ta' dak il-bastiment zghir isiru l-marki necessarji.

Illi stante li dan l-opbbligu huwa ta' sid id-daghjsa, jekk il-Prosekuzzjoni riedet tipprova l-kaz taghha, kellha, l-ewwel u qabel kollox, tressaq prova illi l-appellanti hija sid id-daghjsa in kwistjoni. Il-Prosekuzzjoni qatt ma setghet tipprova l-kaz taghha jekk ma tippruvax l-ewwel dan l-element fundamentali.

Illi in vista ta' dan, stante li hareg b'mod cert waqt is-smiegh tal-kawza li l-appellanti mhix sid il-bastiment zghir in kistjoni, l-appellanti hija tal-umli opinjoni illi ma setghetx tinstab hitja, u ghalhekk ghandha tigi lliberata.

Illi t-tieni aggravju huwa dwar il-fatt illi r-Regolament numru 22(2) tal-Avviz Legali 183 tal-2008 jghid illi 'Persuna registrata bhala sid tal-bastiment zghir ghandha tizgura li fi smien tletin jum mid-data li fiha tkun bdiet issehh ir-registrazzjoni ta' dak il-bastiment zghir' ikun hemm il-marki necessarji.

Illi meta l-Ufficjal tal-Pulizija PS305 A. Gauci xehed ikkonferma illi mhix il-prasi li l-Pulizija jivverifikaw id-data tar-registrazzjoni, u insista li din hija totalment irrilevanti ghalihom. Carametn, dan mhux il-kaz; jekk wiehed ma jivverifikax meta l-bastiment zghir gie registrat, allura minn fejn wiehed jaqbad jghodd it-tletin jum li tistipula l-ligi?

Illi fil-kaz odjern, il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova meta gie rregistrat il-bastiment zghir in kwistjoni u kwindi jsegwi illi wiehed qatt ma seta' jasal biex jikkonkludi li kien skada t-terminu ta' tletin jum li trid il-ligi, u in vista' ta' dan, l-appellanti hija tal-umli opinjoni illi ma setghetx tinstab hatja, u ghalhekk ghandha tigi lliberata.

Illi t-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt illi fil-kaz in ezami kien hemm kunflitt ta' provi car ghall-ahhar, fejn filwaqt li l-Ufficjali tal-Pulizija qalu illi ma kienx hemm marki, kemm l-appellanti u kif ukoll sid id-daghjsa stess ikkonfermaw illi kien hemm is-sinjali necessarji kif trid il-Ligi fuq il-basitment iz-zghir.

Illi inoltre, fil-proceduri ta' natura penali, jehtieg illi l-prosekuzzjoni tressaq l-ahjar prova, u dan il-principju m'ghandu qatt jigi skartat sabiex jithaffef ix-xoghol. Ghal darba ohra ssir referenza ghax-xhieda tal-Ufficjal tal-Pulizija PS305 A. Gauci li meta mistoqsi dwar jekk kellux kamera tar-ritratti jew telefon cellulari li bih seta' jiehu ritratt, irribatta mill-ewwel illi dik mhix il-prassi li biha jixmu u li dan mhux normali ghalih, u li kieku kellhom jaghmlu hekk kien ikollhom jiehdu ftit ritratti mhux hazin ghal kull kaz.

Illi li kieku ttiehdu r-ritratti, il-kunflitt ta' provi kien jigi rizolt mighajr l-ebda problemi. F' dan il-kaz, dan ma sarx b'kapricc, u allura d-dubju ghandu jxaqleb il-mizien favur l-appellanti, li ghalhekk hija tal-umli opinjoni illi ma setghetx tinstab hatja, u li konsegwentement jisthoqqilha tigi liberata.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju tal-elfejn u tlettax (2013) PS 305 Alfred Gauci u PC 798 u PC 1353 kienu ronda fuq il-bahar fl-inhawi tal-bajja tal-Ghadira limiti tal-Mellieha u hemmhekk indunaw illi kien hemm dinghy ta' erba' piedi b'mutur six horse power (6 hp) illi ma kellux numri ta' registrazzjoni. Waqqfu dan id-dinghy u fuqha kien hemm Chantelle Camilleri, l-appellanti odjerna, fejn qaltilhom illi d-dinghy kien jintuza bhala tender ghal dghajsa ikbar bl-isem ta' "Pennyless". Fil-fatt Camilleri indikat fejn kienet din id-dghajsa. L-appellanta qalet illi d-dghajsa kienet proprjetà tal-gharus taghha illi dak il-hin kien fuq il-yacht "Pennyless". Qalet illi marki kien hemm bl-isem ta' "Pennyless" però kienu faded jew cari bix-xemx u forsi ma setghux jinqraw sew. Jason Debattista huwa l-gharus tal-appellanta u ikkonferma illi kien fuq id-dghajsa meta t-tender giet intercettata mill-pulizija. Camilleri qaltlu li kienu waqqfuha l-pulizija il ghaliex id-dinghy ma kellhiex marki. Fil-fatt marki kellha izda l-pulizija ma rawhomx.

Id-Difiza argumentat illi t-tender ma kinitx tal-appellanta u l-obbligu li jkun hemm il-marki jaqa' fuq is-sid id-dghajsa u mhux fuq min juzaha. Terga' l-marki jridu jsiru fi zmien tletin (30) jum minn mindu tkun registrata d-dghajsa. Izda ma rrizultax meta giet irregistrata d-dghajsa u kwindi jista' jkun illi dawk it-tletin (30) jum kienu ghadhom ghaddejjin u ghalhekk l-appellanta ma kinitx fi ksur tal-ligi. Fi kwalunkwe kaz hemm konflitt fil-provi.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma taqbel xejn b'dan l-argument li huwa kontro produttiv. L-istess appellanta qalet illi kien hemm il-marki però dawn kienu cari u forsi ma kinux jidhru daqshekk. Kwindi dan ifisser illi la kien hemm il-marki zgur illi d-dghajsa l-kbirakienet ilha registrata aktar minn tletin jum u dan l-argument jaqa'. Ir-regolamenti kif riportati fic-citazzjoni jghidu illi n-numri u l-marki jridu jkunu distinti u murija car hafna fuq il-bastiment iz-zghir. Ex admissis zgur illi ma kienx hekk. Jekk veru kien hemm xi marki jew numri dawn ma kinux jidhru. Kwindi ghall-fini tal-ligi dawn ma kinux jezistu.

L-appellanta ilmentat ukoll illi kien hemm konflitt ta' provi car ghall-ahhar fejn filwaqt illi l-ufficcjali tal-pulizija qalu li ma kienx hemm marki, kemm l-appellanta kif ukoll sid id-dghajsa ikkonfermaw illi kien hemm is-sinjali necessarji kif trid il-ligi fuq il-bastiment zghir. Din il-Qorti taghmilha cara li mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi trid tevalwa l-provi skont il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux ("Il-Pulizija versus Joseph Thorn", Appell Kriminali, 9 ta' Lulju 2003). Evidentement l-ewwel Qorti ghamlet dan l-ezercizzju u aktar emmnet il-provi tal-Prosekuzzjoni milli x-xhieda tal-appellanta u l-provi minnha prodotti.

Din il-Qorti taqbel mar-ragunament tal-ewwel Qorti peress illi skont il-provi li kellha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Ghahekk mhux il-kaz illi d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------